IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2013
COM(2013) 860 final

2013/0416 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija

{SWD(2013) 498 final}

# <u>MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI</u>

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

L-ekonomija Tuneżina ġiet affettwata b'mod negattiv mill-inkwiet domestiku li segwa r-rivoluzzjoni tal-2011, l-instabbiltà reġjonali (b'mod partikolari l-gwerra fil-Libja), u ambjent internazzjonali dgħajjef, partikolarment fiż-Żona tal-Euro, li magħha t-Tuneżija żżomm rabtiet tal-kummerċ u finanzjarji mill-qrib. L-ekonomija esperjenzat riċessjoni fl-2011 u, minkejja l-irkupru ekonomiku moderat li rat fl-2012, meta t-turiżmu u l-investiment dirett barrani (IDB) irkupraw u l-attività ekonomika reġgħet qabdet, **is-sitwazzjoni makroekonomika għadha vulnerabbli ħafna**. B'mod partikolari, is-sitwazzjoni fiskali u tal-bilanċ tal-pagamenti ddeterjorat b'mod ċar mhux ħażin, u ġġenerat bżonnijiet imdaqqsa ta' finanzjament.

Fl-istess waqt, wara t-tkeċċija tal-President Ben Ali fl-14 ta' Jannar 2011, il-pajjiż qed jieħu passi sinifikanti lejn l-istabbiliment ta' mekkaniżmi demokratiċi, inkluż l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u l-ħolqien ta' Assemblea Kostitwenti Nazzjonali. Għalkemm it-tranżizzjoni politika ma saretx mingħajr diffikultajiet u episodji ta' instabbiltà, il-proċess huwa mistenni li jirriżulta fl-approvazzjoni ta' Kostituzzjoni ġdida u l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ġodda fl-ewwel nofs tal-2014.

F'dan l-isfond, l-awtoritajiet Tuneżini laħqu f'nofs April 2013, ftehim mal-persuanl tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) dwar **Arranġament ta' Riżerva ta' 24-il xahar (Stand-By Arrangement - SBA) fl-ammont ta' USD 1,75 biljun** (400 % tal-kwota), li kien approvat mill-Bord tal-FMI f'Ġunju. L-għan tal-SBA huwa li jsostni l-programm ta' riforma ekonomika tal-gvern, inaqqas il-vulnerabbiltajiet ekonomiċi u jrawwem it-tkabbir sostenibbli u inkluživ.

F'dan il-kuntest, il-gvern Tuneżin talab **Assistenza Makrofinanzjarja (AMF) mill-UE fl-ammont ta' EUR 500 miljun** fit-28 ta' Awwissu 2013, b'porzjon fil-forma ta' għotja (ara l-ittra ta' talba fl-Anness). Il-Kummissjoni Ewropea tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għall-għotja tal-AMF lir-Repubblika tat-Tuneżija li tammonta għal **massimu ta' EUR 250 miljun.** L-assistenza għandha tieħu l-forma ta' **self fuq perjodu ta' żmien medju**, bl-ebda komponent ta' għotja previst minħabba li t-Tuneżija ma tissodisfax il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-użu tal-għotjiet fl-operazzjonijiet tal-AMF.

L-AMF UE proposta tista' tgħin lit-Tuneżija **tkopri parti mill-ħtiġijiet ta' finanzjament esterni residwali tagħha għall-perjodu 2014-15 fil-kuntest tal-programm tal-FMI, stmat għal USD 3,0 biljun.** Hija se tnaqqas il-bilanċ ta' pagamenti u vulnerabbiltajiet fiskali tal-ekonomija fuq terminu qasir, filwaqt li tappoġġa l-programm ta' aġġustament u ta' riforma miftiehem mal-FMI u l-Bank Dinji, kif ukoll ir-riformi miftiehma fl-operazzjonijiet tal-UE ta' appoġġ baġitarju, b'mod partikolari il-Kuntratt għall-Bini tal-Istat *Programme d'Appui à la Relance* (PAR), li biċċa minnu huwa ffinanzjat mill-programm tal-UE għas-Sostenn għas-Sħubija, ir-Riforma u t-Tkabbir Inkluživ (SPRING).

L-AMF proposta hija konformi mal-għanijiet tal-inizjattiva tas-Sħubija ta' Deauville tal-G8 u l-orjentazzjonijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat il-ġdida (PEV). Dan għandu juri lill-pajjiżi l-oħra fir-reġjun li l-UE hija lesta tappoġġa pajjiżi li jkunu qed jaqbdu it-triq lejn riformi politiċi waqt id-diffikultajiet ekonomiċi.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li l-prerekwiżiti politiċi u ekonomiċi għal operazzjoni tal-AMF bl-ammont propost u ta' din in-natura jintlaħqu.

- **Kuntest Ġenerali**

Wara riċessjoni severa fl-2011, meta l-ekonomija naqset b'1,9 % minħabba l-inkwiet politiku domestiku u l-kunflitt Libjan, beda rkupru moderat fl-2012 minkejja ambjent internazzjonali u domestiku negattiv, bi **tkabbir tal-PDG** reali li żdied għal madwar 3,6 %, mgħejun prinċipalment mill-irkupru fit-turiżmu u l-influssi tal-IDB. Minkejja l-irkupru promettenti fl-attività ta' manifattura u ż-żieda fit-turiżmu murija min-nofs l-2013, l-istaġnar politiku kontinwu, it-tkabbir inqas milli mistenni fl-UE (is-sieħeb kummerċjali prinċipali tat-Tuneżija) u s-swieq emerġenti, u ħsad ħażin naqqsu r-ritmu tal-attività ekonomika. Il-FMI reċentement irreveda l-previżjoni tiegħu għat-tkabbir tal-PDG fl-2013 għal 3 % minn 4 %. Il-previżjoni tat-tkabbir għall-2014 ġiet riveduta wkoll 'l isfel minn 4,5 % għal 3,7 %, bir-riskji mmejjlin ħafna 'l isfel li jirrifletti s-sitwazzjoni politika domestika.

Il-**qgħad** jibqa' tħassib ewlieni bir-rata tal-qgħad ta' 15,9 % fl-aħħar ta' Ġunju 2013 meta mqabbla ma' 13,5 % ta' qabel ir-rivoluzzjoni, u huwa partikolarment għoli fost iż-żgħażagħ u n-nisa. Kien hemm pressjonijiet **inflazzjonarji** minn kmieni fl-2012, prinċipalment spjegata minn żidiet fil-prezzijiet amministrati tal-enerġija, u mill-prezzijiet ogħla tal-ikel. Madankollu, l-inflazzjoni niżlet lura għal 5,7 % (u l-inflazzjoni bażi għal 4,4 %) sa Settembru u hija mistennija li tibqa' stabbli għal madwar dak il-livell.

Il-**politika monetarja** kienet favorevoli matul l-2011 u l-ewwel xhur tal-2012 b'rispons għall-eżistenza ta' lakuna kbira fil-produzzjoni u inflazzjoni bażi relattivament stabbli. Madankollu, malli l-inflazzjoni bdiet taċċellera u l-bilanċi esterni u fiskali ddeterjoraw iżjed, il-Bank Ċentrali tat-Tuneżija (CBT) ħa xi miżuri stretti u żied ir-rata ta' politika ta' referenza tiegħu b'50 bps minn Awwissu 2012 (għal 4 %)

Rigward il-**finanzi pubbliċi**, il-programm tal-FMI ppreveda aġġustament fiskali modest għall-2013, bid-deficit fiskali mmirat li jiżdied għal 7,3 % tal-PDG, li jirrifletti b'mod ġenerali l-ispiża tar-rikapitalizzazzjoni ppjanata tal-banek u l-pagament lura tal-arretrati. Madankollu, ix-xejriet reċenti jissuġġerixxu li fin-nuqqas ta' miżuri ġodda, se jkun hemm tnaqqis fiskali konsiderevoli (id-deficit issa huwa pproġettat li jilħaq 8,4 % tal-PDG sakemm ma jittieħdux miżuri korrettivi). Dan id-deterjorament fiskali fl-2013 hu mistenni li jiġi kkumpensat parzjalment, bħas-sena li għaddiet, minn rata ta' eżekuzzjoni aktar baxxa ta' **investimenti pubbliċi**.

Għall-2014, il-FMI qed issejjaħ għal aġġustament addizzjonali ta' madwar żewġ (2) punti perċentwali tal-PDG sabiex tintlaħaq il-mira tad-deficit ippjanata ta' 6,4 % tal-PDG. Il-miżuri korrettivi x'aktarx jinkludu l-aġġustament tat-tariffi tal-enerġija filwaqt li tiġi żviluppata xibka tas-sigurtà soċjali mmirata aħjar, iż-żieda fil-kontroll fuq il-kont tal-pagi pubbliċi (li jirrappreżenta madwar 13 % tal-PDG u 60 % tad-dħul), żidiet fis-sisa u miżuri biex titjieb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Il-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni għas-settur finanzjarju għandhom ukoll jiġu bbaġitjati sew fil-liġi.

Id-dejnġenerali tal-gvern baqa' 44 % tal-PDG fl-2012, iżda huwa proġettat li jiżdied bi ftit għal 45,3 % tal-PDG sa l-aħħar ta' din is-sena u jilħaq l-ogħla punt b'49,5 % tal-PDG fl-2014. Is-servizz tad-dejn se jibqa' maniġġabbli b'6 % tan-nefqa totali tal-baġit.

L-irkupru tat-tkabbir matul l-2012, fost talba dinjija baxxa (b'mod partikolari mill-UE) u l-prezzijiet persistentement għoljin tal-prodotti bażiċi kkontribwew għal twessigħ tad-**deficit tal-kont kurrenti** għal 8,1 % tal-PDG. Id-deficit kompla żdied fl-2013, bl-aħħar projezzjonijiet jindikaw deterjorament għal madwar 8,3 % tal-PDG meta mqabbel mal-7,5 % tal-PDG fil-mira taħt il-programm tal-FMI. Barra minn hekk, s'issa fl-2013 l-influssi ta' IDB kienu madwar 40 % inqas minn dawk inizjalment maħsuba fil-programm tal-FMI. Barra minn hekk, l-iżborżi ta' assistenza uffiċjali huma ħafna inqas minn dak li kien ipprogrammat. Bħala

riżultat ta' dawn in-nuqqasijiet fil-finanzjament u d-defiċit tal-kont kurrenti ogħla milli pprogrammat, it-Tuneżija tiffaċċa lakuna sinifikanti ta' bilanċ tal-pagamenti (ta' madwar USD 750 miljun) għall-2013, għalkemm self potenzjali mill-Qatar jista' jikkontribwixxi biex tiċkien din il-lakuna. Il-FMI jistenna li dan in-nuqqas ikun kopert minn tnaqqis ta' USD 600 miljun fir-riżervi barranin meta mqabbla mal-miri tal-programm oriġinali u minn kompressjoni ulterjuri fl-investiment pubbliku (li għandu kontenut għoli ta' importazzjoni).

Wara li rkupraw parzjalment fl-2012, ir-riżervi uffiċjali tal-kambju barranin bdew jonqsu malajr kmieni fl-2013. Sa tmiem Ottubru 2013, ir-riżervi kienu ta' USD 6,9 biljun, li jkopri biss 104 ġranet ta' importazzjonijiet. Huma mistennija li fi tmiem l-2013 ikunu ta' USD 7,5 biljun, tnaqqis ta USD 1,1 biljun fl-2013, li jitqabbel ma' żieda mmirata oriġinarjament għal USD 400 miljun għas-sena. Id-dinar ġie deprezzat, f'termini nominali effettivi, b'madwar 12 % mir-rivoluzzjoni 'l hawn, u b'madwar 6 % sa mill-bidu tal-2013.

Il-kriżi tal-2011 kellha impatt negattiv fuq għadd ta’ banek ewlenin, notevolment dawk pubbliċi, li kienu aktar esposti għas-settur tat-turiżmu, li ntlaqat ħafna mill-kriżi. Dan wassal lis-CBT biex jipprovdi likwidità sostanzjali lill-banek kummerċjali matul l-2012 biex jgħinhom ikopru l-ħtiġijiet ta' rifinanzjament tagħhom, għalkemm diġà tnediet inverżjoni gradwali tal-likwidità. Skont il-programm miftiehem mal-FMI, l-awtoritajiet biħsiebhom jipproċedu bir-rikapitalizzazzjoni u r-riabilitazzjoni tal-banek milquta mill-kriżi.

Flimkien mal-ħtieġa li tiġi rristrutturata u tissaħħaħ is-sistema bankarja, sfidi oħra tar-riformi strutturali ewlenin jinkludu t-tnaqqis tal-qgħad filwaqt li jogħlew ir-rati ta’ parteċipazzjoni (b'mod partikolari fost in-nisa), it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu u d-differenzi reġjonali, it-tnaqqis tad-dipendenza eċċessiva fuq l-iżvilupp ta’ industrija tal-esportazzjoni b'valur miżjud baxx fil-kosta, u r-riforma tas-sistema ineffiċjenti ta' sussidju tal-prezzijiet filwaqt li tissaħħaħ ix-xibka tas-sigurtà soċjali.

Fis-7 ta' Ġunju 2013, il-Bord tal-FMI approva, kif innutat, SBA ta' sentejn ta' USD 1,75 biljun (400 % tal-kwota Tuneżina). L-għanijiet ewlenin tal-programm tal-FMI huma: i) li tinżamm l-istabbiltà makroekonomika, parzjalment permezz tal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali u r-rikapitalizzazzjoni selettiva tal-banek; ii) li jiġi appoġġat it-tkabbir inklużiv; iii) li jitnaqqsu l-vulnerabilitajiet esterni; u iv) li tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri u d-donaturi.

Il-projezzjonijiet riveduti jippuntaw lejn bilanċ sinifikanti ta' ħtiġijiet ta' pagamenti għall-perjodu 2014-2015, bil-lakuna ġenerali fil-finanzjament estern stmata għal USD 4,4 biljun. Din il-lakuna fil-finanzjament hija ġeneralment attribwita lil żewġ fatturi; defiċit tal-kont kurrenti persistentement kbir u l-ħtieġa li jibnew ir-riżervi tal-kambju barranin matul il-perjodu 2014-2015. Bir-rendiment tal-iżborżi taħt l-SBA u s-Self għall-Politika tal-Iżvilupp tal-Bank Dinji (DPL), it-Tuneżija tiffaċċja lakuna residwali ta' finanzjament estern ta' USD 3,0 biljun matul dan il-perjodu. L-AMF proposta tal-UE kieku tikkontribwixxi biex tkopri xi 10,8 % tal-lakuna residwali fil-finanzjament għall-perjodu 2014-2015.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Xejn

- **Il-konsistenza ma’ politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

L-UE tfittex li tiżviluppa relazzjoni mill-qrib mat-Tuneżija u li tappoġġa r-riformi ekonomiċi u politiċi tat-Tuneżija. Fl-1995, it-Tuneżija saret l-ewwel pajjiż fin-Nofsinhar tal-Mediterran li ffirmat il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mal-UE. Dan il-ftehim jibqa’ l-bażi legali għal kooperazzjoni bilaterali. Ir-relazzjonijiet bilaterali ssaħħu aktar bil-PEV tal-UE, inkluż

permezz tal-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV ta' ħames snin li jistabbilixxu għanijiet strateġiċi għal din il-kooperazzjoni, li l-aħħar wieħed minnhom ikopri l-2013-2017. It-Tuneżija hija wkoll Membru tal-Unjoni għall-Mediterran. Ir-rabtiet ekonomiċi mal-UE huma importanti. It-Tuneżija twettaq l-akbar sehem tal-kummerċ tagħha mal-UE. Fl-2012, l-UE kienet is-sors ta' 59,3 % tal-importazzjonijiet tat-Tuneżija u d-destinazzjoni ta' 68,1 % tal-esportazzjonijiet tagħha. It-Tuneżija tiddependi bil-kbir wkoll fuq l-UE f'termini ta' IDB u flussi finanzjarji oħra, ir-rimessi u l-influssi tat-turiżmu. It-Tuneżija ffinalizzat it-tneħħija tat-tariffi għall-prodotti industrijali fl-2008, biex b'hekk issir l-ewwel pajjiż tal-Mediterran li kkonkluda ftehim ta' kummerċ ħieles mal-UE. L-UE offriet lit-Tuneżija biex tinnegozja Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv bil-għan li tippermetti lis-suq uniku tal-UE jkollu l-aċċess sħiħ għat-Tuneżija, għalkemm in-negozjati għadhom ma bdewx.

L-AMF tal-UE għandha tikkomplimenta l-għotjiet totali ta' EUR 445 miljun immobilizzati taħt l-ENPI u l-Programm SPRING, u b'mod partikolari l-kundizzjonalitajiet previsti fil-pakkett PAR III li fih qed tipparteċipa l-UE. Se tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib fl-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ programmi, peress li t-tnejn huma kumplimentari u jsaħħu wieħed lill-ieħor. Filwaqt li l-AMF prevista se tipprovdi appoġġ għall-bilanċ ta' pagamenti f'medda qasira ta' żmien, il-kuntratt ta' bini tal-istat se jappoġġa t-tlestija tal-proċess ta' tranżizzjoni demokratika permezz ta' miżuri ta' governanza ekonomika u politika. Billi tappoġġa l-adozzjoni mill-awtoritajiet Tuneżini ta' qafas xieraq għall-politika makroekonomika u r-riformi strutturali, l-AMF tal-UE kieku żżid il-valur miżjud u l-effettività tal-involviment tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji oħra. Barra minn hekk, din kieku tikkumplimenta r-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, id-donaturi bilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE oħra, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-pakkett ta' appoġġ finanzjarju maqbul mill-komunità internazzjonali ta' donaturi wara l-kriżi.

Bħala konklużjoni, filwaqt li t-triq tat-Tuneżija għad-demokrazija sħiħa mhix waħda faċli u jibqgħu inċertezzi sinifikanti, il-pajjiż ħa passi sinifikanti lejn ir-riforma politika, bil-għan li jissaħħu l-istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi demokratiċi, inkluż sistema parlamentari b'bosta partiti, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż qed jipprevedi wkoll programm ta' riforma ekonomika mmirat lejn l-istabbiliment ta' mudell ta' tkabbir sostenibbli, li jiġġenera l-impjiegi u ekwitabbli.

Il-proposta tal-AMF hija konsistenti mal-impenn tal-UE li tappoġġa t-tranżizzjoni ekonomika u politika tat-Tuneżija. Huwa wkoll konsistenti mal-kliem ta' żewġ deċiżjonijiet tal-AMF dwar ir-Repubblika Kirgiża u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan[1]. B'mod partikolari, u kif spjegat f'aktar dettall fid- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż, il-proposta tal-Kummissjoni hija konsistenti mal-prinċipji li ġejjin: karattru eċċezzjonali, prekundizzjonijiet politiċi, kumplimentarjetà, kundizzjonalità u dixxiplina finanzjarja.

Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja u tivvaluta waqt l-operazzjoni tal-AMF li dawn il-kriterji jiġu sodisfatti. Dwar il-valutazzjoni tal-prekundizzjonijiet politiċi, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

---

[1] Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża; l-Abbozz ta' Deċiżjoni tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li l-adozzjoni tagħha hija prevista f'Diċembru 2013.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

L-assistenza makrofinanzjarja qed tingħata bħala parti integrali mill-appoġġ internazzjonali għall-istabbilizzazzjoni ekonomika tat-Tuneżija. Fil-preparazzjoni ta' din il-proposta għall-AMF, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-Fond Monetarju Internazzjonali u mal-Bank Dinji, li diġà waqqfu programmi konsiderevoli għall-iffinanzjar. Il-Kummissjoni kienet ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet Tuneżini.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Sejra titwettaq Valutazzjoni Operattiva li tivverifika l-kwalità u l-affidabilità taċ-ċirkwiti finanzjarji pubbliċi u l-proċeduri amministrattivi tat-Tuneżija mill-Kummissjoni bl-assistenza ta' esperti esterni matul ix-xahar ta' Diċembru 2013.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-AMF u l-programm ta' riformi u aġġustamenti ekonomiċi assoċjat magħha għandhom jgħinu sabiex jittaffew il-ħtiġijiet finanzjarji tat-Tuneżija għal terminu ta' żmien qasir, filwaqt li jappoġġaw il-miżuri ta' politika maħsuba biex isaħħu l-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjonijiet fiskali, u biex iżidu t-tkabbir sostenibbli kif maqbul mal-FMI. B'mod partikolari, din se tgħin biex ittejjeb l-effiċjenza u t-trasparenza tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; tippromwovi r-riformi fiskali biex iżżid il-ġbir tat-taxxa u ttejjeb il-progressività tas-sistema tat-taxxa; tappoġġa l-isforzi eżistenti biex tissaħħaħ ix-xibka tas-sigurtà soċjali; tippromwovi r-riformi tas-suq tax-xogħol (biex jitnaqqas il-qgħad u jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni, b'mod partikolari fost in-nisa); u tiffaċilita l-adozzjoni ta' miżuri biex jitjieb il-qafas regolatorju għall-kummerċ u l-investiment.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Is-sommarju tal-azzjoni proposta**

L-Unjoni Ewropea se tqiegħed l-AMF għad-dispożizzjoni tat-Tuneżija għall-ammont massimu totali ta' EUR 250 miljun, ipprovduti fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju. L-għanijiet tal-assistenza se jkunu li: (i) tikkontribwixxi biex tkopri l-bżonnijiet tat-Tuneżija ta' finanzjament estern residwu fl-2014-15, kif identifikat mill-Kummissjoni abbażi tal-istimi tal-FMI; (ii) tappoġġa l-isforz ta' konsolidazzjoni fiskali u l-istabbilizzazzjoni esterna fil-kuntest tal-programm tal-FMI; (iii) tiffaċilita u tinkoraġġixxi l-isforzi tal-awtoritajiet tat-Tuneżija biex jimplimentaw miżuri identifikati taħt il-Pjan ta' Azzjoni PEV bejn l-UE u t-Tuneżija, u; (iv) tappoġġa l-isforzi ta' riforma strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali, isaħħu l-governanza u t-trasparenza ekonomika, u jtejbu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli.

L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżjata fi tliet pagamenti parzjali ta' self. L-iżborż tal-ewwel pagament parzjali (EUR 90 miljun) huwa mistenni li jseħħ f'nofs l-2014. It-tieni pagament parzjali (EUR 80 miljun), li jiddependi fuq għadd ta' miżuri politiċi, jista' jiġi żborżjat lejn tmiem l-2014. It-tielet u l-aħħar pagament parzjali (EUR 80 miljun) jista' jkun magħmul disponibbli, sakemm il-miżuri ta' politika huma sodisfatti, matul l-ewwel nofs tal-

2015. L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Għall-assistenza japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Bħalma jiġri s-soltu fl-istrument tal-AMF, l-iżborżi se jkunu jiddependu fuq reviżjonijiet tal-programm li jsiru b'suċċess skont l-arranġament finanzjarju tal-FMI (l-SBA). Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Tuneżini jaqblu fuq miżuri speċifiċi ta' riforma strutturali fil-Memorandum ta' Qbil. Il-Kummissjoni se timmira għal riformi strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali u l-kundizzjonijiet għat-tkabbir sostenibbli (pereżempju; billi jkun hemm fil-mira t-trasparenza u l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; ir-riformi fiskali; ir-riformi sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' protezzjoni soċjali; ir-riformi fis-suq tax-xogħol; u r-riformi sabiex jitjieb il-qafas regolatorju għall-kummerċ u l-investiment).

Id-deċiżjoni li tiġi żborżjata l-AMF kollha fil-forma ta' self hija ġġustifikata mil-livell ta' żvilupp tat-Tuneżija (kif imkejjel mid-dħul tiegħu per capita) u mill-indikaturi tad-dejn tiegħu. Hija wkoll konsistenti mat-trattament mogħti lit-Tuneżija mill-Bank Dinji u mill-FMI. Tabilħaqq, it-Tuneżija mhux eliġibbli għal finanzjament agevolat la mingħand l-IDA u lanqas mingħand il-Fiduċjarja tal-FMI għat-Tnaqqis tal-Fqar u għat-Tkabbir.

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 212 tat-TFUE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sal-punt li l-objettivi tar-restawr tal-istabbiltà makroekonomika għal perjodu ta' żmien qasir fit-Tuneżija ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin huma l-limitazzjonijiet baġitarji ffaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex jitkabbru kemm jista' jkun l-iskala u l-effettività tal-assistenza.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità: hija tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-istabbiltà makroekonomika fil-perjodu qasir taż-żmien u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

Kif identifikat mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-istimi tal-FMI fil-kuntest tal-SBA, l-ammont tal-assistenza jikkorrispondi għal 10,8 % tad-distakk fil-finanzjament residwu għall-perjodu 2014-2015. Meta wieħed iqis l-assistenza mwiegħda lit-Tuneżija minn donaturi u kredituri bilaterali u multilaterali oħrajn, dan jitqies bħala livell xieraq fil-qsim tal-piż għall-UE.

- **L-għażla tal-istrumenti**

Il-finanzjament jew l-assistenza teknika għall-proġetti mhux se jkunu adattati jew suffiċjenti biex jindirizzaw dawn l-objettivi makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewlieni tal-AMF, meta mqabbla ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li hija ttaffi l-limitazzjoni finanzjarja esterna u tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-

pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali. Billi tgħin biex jiġi stabilit qafas ġenerali xieraq għall-politiki makroekonomiċi u strutturali, l-AMF tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fit-Tuneżija bi strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE ffokati b'mod aktar dejjaq.

Il-programm propost se jsaħħaħ ukoll l-impenn tal-gvern favur ir-riforma u l-aspirazzjoni tiegħu li jkollu relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' kundizzjonalità xierqa għall-iżborż tal-assistenza. F'kuntest akbar, il-programm se juri lill-pajjiżi l-oħra fir-reġjun li l-UE hija lesta tappoġġa pajjiżi li jkunu qed jaqbdu triq ċara lejn ir-riformi politiċi, f'mumenti ta' diffikultajiet ekonomiċi.

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-assistenza ppjanata għandha tingħata f'forma ta' self u għandha tkun ffinanzjata permezz ta' operazzjoni ta' teħid b'self li l-Kummissjoni se twettaq f'isem l-UE. L-ispejjeż baġitarji tal-assistenza se jikkorrispondu għall-provvediment, b'rata ta' 9 %, tal-ammonti żborżjati fil-fond ta' garanzija għal self estern tal-UE, mil-linja baġitarja 01 03 06 ("il-provvediment tal-Fond ta' Garanzija")[2]. Jekk wieħed jassumi li l-ewwel u t-tieni żborżi ta' self se jsiru fl-2014 għal ammont totali ta' EUR 170 miljun u t-tielet żborż ta' self se jsir fl-2015 għall-ammont ta' EUR 80 miljun, u skont ir-regoli li jirregolaw il-mekkaniżmu tal-fond ta' garanzija, il-provvediment se jseħħ fi ħdan il-baġits tal-2016 u l-2016.

## 5. L-ELEMENTI FAKULTATTIVI

- **Il-klawżola ta' analiżi/reviżjoni/estinzjoni**

Il-proposta tinkludi klawżola sunset. L-assistenza makrofinanzjarja proposta għandha tkun disponibbli għal sentejn u nofs, li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil.

[2] Il-linja baġitarja 01 04 01 14 issir il-linja baġitarja 01 03 06 mill-baġit 2014 'l hemm.

2013/0416 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva[4],

Billi:

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u r-Repubblika tat-Tuneżija ("it-Tuneżija") qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u t-Tuneżija, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998. Taħt dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, it-Tuneżija ffinalizzat it-tneħħija tat-tariffi għall-prodotti industrijali fl-2008, biex b'hekk it-Tuneżija saret l-ewwel pajjiż Mediterranju li daħal f'żona ta' kummerċ ħieles mal-Unjoni. Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali koplew jiżviluppaw fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV, li l-aktar wieħed reċenti li qed jiġi diskuss kieku jkopri l-perjodu 2013-2017.

(2) L-ekonomija tat-Tuneżija kienet affettwata b'mod sinifikanti minn avvenimenti domestiċi relatati ma' avvenimenti fin-Nofsinhar tal-Mediterran sa minn tmiem l-2010, magħrufa bħala "r-Rebbiegħa Għarbija", kif ukoll mill-inkwiet reġjonali li segwa, b'mod partikolari fil-pajjiż ġar, il-Libja. Dawn l-avvenimenti u l-ambjent ekonomiku globali dgħajjef, b'mod partikolari r-reċessjoni fiż-Żona tal-Euro (is-sieħba kummerċjali u finanzjarja ewlenija tat-Tuneżija), kellom impatt negattiv ħafna fuq l-ekonomija Tuneżina, li wassal għal tnaqqis fit-tkabbir u ġġenera lakuni esterni kbar baġitarji u ta' finanzjament.

(3) Wara t-tkeċċija tal-President Ben Ali fl-14 ta' Jannar 2011, l-ewwel elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi tat-Tuneżija seħħew fit-23 ta' Ottubru 2011. Assemblea Kostitwenti Nazzjonali ilha fis-seħħ minn dakinhar, u għalkemm it-tranżizzjoni politika ma kinitx waħda faċli, hemm sforzi miftiehma mill-atturi politiċi ewlenin biex jipproċedu bir-riformi lejn sistema demokratika bis-sħiħ.

---

[3] ĠU C [...], [...], p. [...].

[4] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … 2012 u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' … 2012.

(4) Minn mindu r-Rebbiegħa Għarbija bdiet, l-Unjoni ddikjarat f'diversi okkażjonijiet l-impenn tagħha li tappoġġa lit-Tuneżija fi proċess ta' riforma ekonomika u politika tiegħu. Dan l-impenn ġiet affermat mill-ġdid fil-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u t-Tuneżija f'Novembru 2012. L-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni lill-proċess ta' riforma tat-Tuneżija huwa konsistenti mal-politika tal-Unjoni għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterranju, kif stabbilit fil-kuntest tal-PEV.

(5) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun strument finanzjarju eċċezzjonali mhux marbut u mhux speċifikat ta' għajnuna għall-bilanċi ta' pagament li għandu l-għan li jirripristina s-sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli ta' benefiċjarju u għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li jkun fih miżuri ta' aġġustament u ta' riforma strutturali b'saħħithom intiżi biex itejbu s-sitwazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti, partikolarment matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-programm, u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-ftehimiet u tal-programmi rilevanti mal-Unjoni.

(6) F'April 2013, l-awtoritajiet tat-Tuneżija u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ftiehmu fuq Arranġament mhux prekawzjonarju ta' Riżerva ("il-programm tal-FMI") għall-tliet snin tal-SDR (Drittijiet Speċjali ta' Prelevament) ta' 1 150 miljun bħala appoġġ għall-programm ta' aġġustamenti u riformi ekonomiċi tat-Tuneżija. L-objettivi tal-programm tal-FMI huma konsistenti mal-fini tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, partikolarment biex jittaffew diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti fuq perjodu qasir ta' żmien, u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' aġġustament b'saħħithom konsistenti mal-għan tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

(7) L-Unjoni għamlet disponibbli EUR 290 miljun f'għotjiet għall-perjodu 2011-13 bil-programm ta' kooperazzjoni regolari tagħha, biex tappoġġa l-aġenda ta' riforma ekonomika u politika tat-Tuneżija. Barra minn hekk, EUR 155 miljun ġew allokati għat-Tuneżija mill-2011 sal-2013 bil-programm "Appoġġ għas-sħubija, ir-riformi u t-tkabbir inklużiv" (SPRING).

(8) F'Awwissu 2013, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika u prospetti li kienu dejjem sejrin għall-agħar it-Tuneżija talbet lill-Unjoni għall-assistenza makrofinanzjarja.

(9) Minħabba li t-Tuneżija hija pajjiż kopert mill-PEV, din għandha tkun ikkunsidrata bħala eliġibbli biex tirċievi l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

(10) Minħabba li għad hemm differenza residwa sinifikanti fil-finanzjament estern fil-bilanċ tal-pagamenti tat-Tuneżija lil hinn mir-riżorsi pprovduti mill-FMI u istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni li għandha tingħata lit-Tuneżija ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni"), fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali qed titqies li tkun tweġiba xierqa għat-talba tat-Tuneżija biex tiġi appoġġata l-istabilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm tal-FMI. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tgħin l-aġenda tal-istabbilizzazzjoni ekonomika u tar-riforma strutturali tat-Tuneżija, filwaqt li tissuplimenta ir-riżorsi li huma disponibbli taħt l-arranġament finanzjarju tal-FMI.

(11) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha jkollha l-għan li tappoġġa r-ripristinar tas-sostenibilità tas-sitwazzjoni finanzjarja esterna għat-Tuneżija, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħha.

(12) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni kwantitattiva kompleta tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tat-Tuneżija u għandha tqis il-kapaċità tagħha ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji, partikolarment ir-riservi internazzjonali għad-dispożizzjoni tagħha. L-

assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tikkomplimenta l-programmi u r-riżorsi pprovduti mill-FMI u l-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tieħu wkoll kont ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi multilaterali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piż bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fit-Tuneżija u l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-Unjoni.

(13) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-prinċipji, objettivi u miżuri ewlenin meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u linji ta' politika oħra rilevanti tal-Unjoni.

(14) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni lejn it-Tuneżija. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jaħdmu mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bil-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u li jiggarantixxu l-konsistenza tagħha.

(15) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tappoġġa l-impenn tat-Tuneżija fir-rigward tal-valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-impenn tagħha u l-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ibbażat fuq regoli u ġust.

(16) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li t-Tuneżija tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi s-sistema parlamentari b'diversi partiti, l-istat tad-dritt u tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu li jssaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fit-Tuneżija, u sabiex jiġu promossi r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidazzjoni fiskali. Kemm it-twettiq tal-prekundizzjoni kif ukoll il-ksib ta' dawk l-objettivi għandhom jiġu regolarment sorveljati mill-Kummissjoni.

(17) Biex ikun żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni konnessi mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiġu mħarsa b'mod effiċjenti, it-Tuneżija għandha tieħu miżuri xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta mal-assistenza. Barra minn hekk, għandu jsir provvediment biex il-Kummissjoni twettaq kontrolli u biex il-Qorti Ewropea tal-Awdituri twettaq il-verifiki.

(18) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(19) L-ammonti li għandhom jiġu pprovduti meħtieġa għall-assistenza makrofinanzjarja għandhom ikunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

(20) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jkunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinfurmahom regolarment bl-iżviluppi marbutin mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

(21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (KE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(22) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet Tuneżini taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri previst mir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dak ir-Regolament,, il-proċedura konsultattiva għandha, bħala regola ġenerali, tapplika fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dak ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa adatt li l-proċedura ta' eżami tintuża għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu. B'kont meħud tal-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lit-Tuneżija, il-proċedura ta' eżami għandha tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, jew għal kwalunkwe tnaqqis, suspensjoni jew tħassir tal-assistenza.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Unjoni tagħmel l-assistenza finanzjarja disponibbli għat-Tuneżija ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni") bl-ammont massimu ta' EUR 250 miljun, sabiex jiġu appoġġati l-istabbiltà ekonomika u r-riformi tat-Tuneżija. L-assistenza tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tat-Tuneżija għall-bilanċ tal-pagamenti kif inhuma identifikati fil-programm tal-FMI.

2. L-ammont sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkun ipprovdut lit-Tuneżija fil-forma ta' self. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, biex tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji u ssellifhom lit-Tuneżija. Is-self ikollu maturità massima ta' 15-il sena.

3. L-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkun ġestit mill-Kummissjoni b'mod li jkun konsistenti mal-ftehimiet jew l-akkordji li ntleħqu bejn l-FMI u t-Tuneżija , u bil-prinċipji ewlenin u l-objettivi tar-riformi ekonomiċi stipulati fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija u l-Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija għall-2013 u l-2017 miftiehmin skont il-PEV. Il-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż l-iżborż tagħha, u tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet id-dokumenti rilevanti fi żmien debitu.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun disponibbli, għal perjodu ta' sentejn u nofs, mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1).

5. Fejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-Tuneżija jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu ta' l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbel mal-previżjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, waqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta'

---

5 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ežami msemmija fl-Artikolu 7(2), tnaqqas l-ammont tal-assistenza jew tissospendiha jew tħassarha.

*Artikolu 2*

Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun li t-Tuneżija tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi s-sistema parlamentari b'diversi partiti, l-istat tad-dritt u tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kummissjoni tissorvelja t-twettiq ta' din il-prekundizzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Dan l-Artikolu jiġi applikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE[6].

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), tilħaq ftehim mal-awtoritajiet Tuneżini dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, ikkonċentrati fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għalihom, li għandhom jitniżżlu f'Memorandum ta' Qbil ("il-Memorandum ta' Qbil") li jinkludi perjodu taż-żmien għat-twettiq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(3) inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mit-Tuneżija, bl-appoġġ tal-FMI.

2. Dawn il-kundizzjonijiet jimmiraw, b'mod partikolari, li jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fit-Tuneżija, inkluż l-użu tal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni. Il-progress rigward il-ftuħ reċiproku tas-suq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni jitqiesu wkoll b'mod debitu fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress biex jintlaħqu dawk l-objettivi jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.

3. It-termini finanzjarji ddettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiġu stipulati fi Ftehim tas-Self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Tuneżini.

4. Il-Kummissjoni tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu sodisfatti, inkluż li l-politiki ekonomiċi tat-Tuneżija jkunu f'konformità mal-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

*Artikolu 4*

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun disponibbli mill-Kummissjoni fi tliet pagamenti ta' self. Id-daqs ta' kull pagament jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil.

---

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiġu pprovduti, fejn meħtieġ, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009[7].

3. Il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti soġġetti għat-twettiq tal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-prerekwiżit stabbilit fl-Artikolu 2;

(b) rekord sodisfaċenti kontinwu fl-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri ta' aġġustament u ta' riforma strutturali b'saħħithom appoġġati minn arranġament ta' kreditu mill-FMI mhux prekawzjonarju; u

(c) l-implimentazzjoni, f'perjodu ta' żmien speċifiku, tal-politika tal-ekonomija u l-kundizzjonijiet finanzjarji miftehma fil-Memorandum ta' Qbil.

L-iżborż tat-tieni pagament parzjali jseħħ mill-inqas tliet xhur wara li jsir l-ewwel pagament parzjali. L-iżborż tat-tielet pagament ma jsirx qabel tliet xhur wara li jkun sar it-tieni pagament.

4. Meta l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3 ma jiġux sodisfatti, il-Kummissjoni temporanjament tissospendi jew tikkanċella l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija tikkomunika r-raġunijiet għal dik is-sospensjoni jew dak it-tħassir lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. L-assistenza makrofinanzjarja titħallas lill-Bank Ċentrali tat-Tuneżija. Suġġetti għad-dispożizzjonijiet li jridu jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ministeru tal-Finanzi tat-Tuneżija bħala l-benefiċjarju aħħari.

*Artikolu 5*

1. L-operazzjonijiet tal-għoti jew ta' self marbutin mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jsiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, jew jesponuha għal kwalunkwe riskju marbut mar-rata tal-kambju jew mar-rata tal-imgħax, jew għal kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, u jekk it-Tuneżija titlob dan, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tiddaħħal klawżola dwar ir-rimborż bikri fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li din tkun appoġġata minn klawżola korrispondenti fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-teħid ta' self.

3. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, u jekk it-Tuneżija titlob dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja mill-ġdid it-teħid ta' self inizjali kollu jew parti minnu jew tista' tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid jew ta' ristrutturar jitwettqu skont il-paragrafi 1 u 4 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità tat-teħid ta' self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tal-finanzjament mill-ġdid jew tar-ristrutturar.

4. L-ispejjeż kollha sostnuti mill-Unjoni li huma relatati mal-operazzjonijiet tal-għoti jew tat-teħid ta' self skont din id-Deċiżjoni jiġġarrbu mit-Tuneżija.

---

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

5. Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

*Artikolu 6*

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012[9].

2. L-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun taħt ġestjoni diretta.

3. Il-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim tas-Self li jridu jiġu miftehma mal-awtoritajiet Tuneżini jkun fihom dispożizzjonijiet:

(a) li jiżguraw li t-Tuneżija tivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni ntuża kif suppost, li din tieħu miżuri xierqa biex tipprevjeni l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, tieħu azzjoni legali biex tirkupra kwalunkwe fondi pprovduti skont din id-Deċiżjoni li jkunu ġew approprjati ħażin;

(b) li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevedu miżuri speċifiċi fir-rigward tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra li taffettwa l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 988/95[10], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[11] u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12];

(c) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, jew lir-rappreżentanti tagħha biex iwettqu verifiki u spezzjonijiet fuq il-post;

(d) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex iwettqu eżerċizzju tal-awditjar matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inklużi verifiki ta' dokumenti u verifiki fil-post bħal pereżempju valutazzjonijiet operattivi;

(e) li jiżguraw li l-Unjoni tkun intitolata għar-ripagament bikri tas-self fejn ikun ġie stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, it-Tuneżija tkun involuta fi kwalunkwe att ta' frodi jew ta' korruzzjoni

---

8 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

9 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

12 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

jew fi kwalunkwe attività illegali oħra li tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

4. Matul l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni tissorvelja, permezz ta' valutazzjonijiet operattivi, il-validità tal-arranġamenti finanzjarji tat-Tuneżija, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat ikun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu5tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 8*

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Ir-rapport:

   (a) jeżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;

   (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tat-Tuneżija, kif ukoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);

   (c) jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stipulati fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tat-Tuneżija u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni tibgħat rapport ta' evalwazzjoni *ex post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja kompleta tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-objettivi tal-assistenza.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill*
*Il-President* | *Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

1.2. Il-qasam/l-oqsma politiku/politiċi kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettivi

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju:

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet:

**3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriannwali u tal-linja/i baġitarji tan-nefqa affettwata

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija

### 1.2. Il-qasam politiku/l-oqsma politiċi kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB[13]

Qasam politiku: It-Titolu 01 – L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività: 03 – L-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda azzjoni ġdida

### 1.4. Objettivi

*1.4.1. L-objettiv strateġiku/objettivi strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

"Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

Il-qasam ewlieni tal-attività marbuta mad-DĠ ECFIN huwa dan li ġej:

1. It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat permezz tal-approfondiment tal-analiżi ekonomika u t-tisħiħ tad-djalogu politiku kif ukoll bil-konsulenza dwar l-aspetti ekonomiċi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni.

2. L-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja għal pajjiżi terzi sħab, b'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti.

*1.4.2. L-objettiv speċifiku/objettivi speċifiċi u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati*

<u>Objettiv speċifiku Nru 1:</u> "Li tingħata assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi sabiex isolvu l-kriżijiet tagħhom marbutin mal-bilanċ tal-pagamenti u sabiex jerġgħu jistabbilixxu s-sostenibbiltà tad-dejn estern"

<u>Attività (attivitajiet) ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati:</u> Ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali, il-governanza globali.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni*

L-assistenza proposta tikkonsisti f'self mill-UE ta' EUR 250 miljun li r-Repubblika tat-Tuneżija ("it-Tuneżija"), bl-għan li jikkontribwixxi għal sitwazzjoni aktar sostenibbli fil-bilanċ tal-pagamenti. L-assistenza, li għandha tingħata fi tliet pagamenti, tgħin lill-pajjiż jegħleb it-tbatijiet ekonomiċi u soċjali mġarrba minħabba inkwiet domestiku u reġjonali. Hija tippromwovi wkoll riformi strutturali mmirati biex iżidu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u biex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

*1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

L-awtoritajiet se jkunu mitluba jirrappurtaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi kif ukoll jipprovdu rapport komprensiv dwar il-

[13] ABM: Immaniġġar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività.

konformità mal-kundizzjonijiet mifthiema ta' politika, qabel ma jitħallsu t-tieni u t-tielet pagamenti tal-assistenza.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operattiva taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fit-Tuneżija, li se jitwettqu fil-preparazzjoni ta' din l-operazzjoni. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fit-Tuneżija se tipprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u l-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom mill-attivitajiet kurrenti fit-Tuneżija.

Fid-deċiżjoni leġiżlattiva proposta huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti *ex post* dwar l-assistenza se titwettaq fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu jiġi/għandhom jiġu sodisfat(i) fi żmien qasir jew fit-tul*

L-iżborż tal-assistenza jiddependi fuq rekord imgħoddi sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Riżerva (SBA) bejn it-Tuneżija u l-FMI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni gtiftiehem mal-awtoritajiet tat-Tuneżija dwar kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, imniżżla f'Memorandum ta' Qbil, li jridu jiġu ssodisfati qabel ma l-Kummissjoni tirrilaxxa t-tieni u t-tielet pagamenti.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Filwaqt li tgħin lill-pajjiż jegħleb ix-xokk ekonomiku kkawżat mit-taqlib domestiku u reġjonali, l-AMF li ġiet proposta se tikkontribwixxi biex tippromwovi l-istabblità makroekonomika, ir-riformi ekonomiċi u l-progress politiku fil-pajjiż. Billi tikkumplimenta r-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, mill-UE u minn donaturi oħrajn, hija se tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-pakkett ta' sostenn finanzjarju maqbul mill-komunità internazzjonali ta' donaturi wara l-kriżi.

Il-programm propost se jsaħħaħ ukoll l-impenn tal-gvern favur ir-riforma u l-aspirazzjoni tiegħu li jkollu relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' kundizzjonalità xierqa għall-iżborż tal-assistenza. F'kuntest akbar, il-programm se juri lill-pajjiżi l-oħra fir-reġjun li l-UE hija lesta tappoġġa pajjiżi li jkunu qed jaqbdu triq ċara lejn ir-riformi politiċi, f'mumenti ta' diffikultajiet ekonomiċi.

### *1.5.3. Il-lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Sa mill-2004 'l hawn saru b'kollox 15-il evalwazzjoni *ex post* fuq operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja. Dawn l-evalwazzjonijiet sa issa jikkonkludu li l-operazzjonijiet tal-AMF tabilħaqq jikkontribwixxu, minkejja li xi kultant modestament u indirettament, għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, għall-istabbilità makroekonomika u għall-kisba ta' riformi strutturali fil-pajjiż riċeventi. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-operazzjonijiet tal-AMF kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiż benefiċjarju u kkontribwixxew biex jonqsu l-pressjonijiet baġitarji. Dawn wasslu wkoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku kemxejn ogħla.

*1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

L-UE hija fost id-donaturi ewlenin tat-Tuneżija. L-Unjoni għamlet disponibbli EUR 290 miljun f'għotjiet għall-perjodu 2011-13 bil-kooperazzjoni regolari tagħha, biex tappoġġa l-aġenda ta' riforma politika u ekonomika tat-Tuneżija. Barra minn hekk, ġew allokati EUR 140 miljun lit-Tuneżija fil-perjodu 2011-13 skont il-programm SPRING.

Il-valur miżjud ewlieni tal-AMF, meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE, se jkun li hija tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali. L-AMF la tipprovdi sostenn finanzjarju regolari u lanqas ma hija maħsuba biex tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi riċeventi. L-AMF għandha titwaqqaf hekk kif is-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiż tkun reġgħet qabdet triq sostenibbli. Wara, strumenti regolari ta' assistenza b'kooperazzjoni regolari mal-UE huma maħsuba li jidħlu fis-seħħ.

L-AMF hija maħsuba wkoll li tkun kumplementari għall-interventi mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari għall-programm ta' aġġustament u riforma appoġġat mill-SBA tal-FMI u għas-Self għall-Politika tal-Iżvilupp tal-Bank Dinji.

**1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju**

X Proposta/inizjattiva ta' **terminu limitat**

X Proposta/inizjattiva fis-seħħ għas-sentejn u nofs (2,5) minn meta jidħol fis-seħħ il-Memorandum ta' Qbil, kif imsemmi fl-Artikolu (1.4) tad-Deċiżjoni.

X Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2017.

**1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[14]**

X **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

**2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar**

Din l-għajnuna hija ta' natura makroekonomika u hija mfassla b'mod li tkun konsistenti mal-programm ekonomiku appoġġat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni se jseħħ fuq il-bażi tal-progress fl-implimentazzjoni tal-SBA u tal-miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Tuneżini f'Memorandum ta' Qbil (ara wkoll il-punt 1.4.4).

**2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll**

*2.2.1. Ir-riskju/i identifikat(i)*

Hemm riskji fiduċjarji, politiċi kif ukoll ta' politika marbutin mal-operazzjoni tal-AMF proposta.

Hemm ir-riskju li l-għajnuna makrofinanzjarja, li ma tkunx iddedikata għal spejjeż speċifiċi, tista' tintuża b'mod qarrieqi. F'termini ġenerali, dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità tas-sistemi ta' ġestjoni fil-bank ċentrali u fil-

14 Dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

ministeru tal-finanzi, kif ukoll ma' kemm huma adattati l-kapaċitajiet ta' awditjar interni u esterni.

Riskju ieħor ewlieni għall-operazzjoni jiġi mill-inċertezza ekonomika u politika reġjonali, b'mod partikolari fil-Libja, li għandha implikazzjonijiet diretti għall-ekonomija tat-Tuneżija. Fuq il-front domestiku, ir-riskju ewlieni huwa l-instabbiltà relatata ma' diffikultajiet fil-proċess ta' riforma politika u ekonomika. L-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' riforma u ta' stabbilizzazzjoni appoġġati mill-komunità internazzjonali, inkluża l-operazzjoni tal-AMF proposta, jistgħu jiġu kompromessi minħabba l-iskuntentizza soċjali.

Fl-aħħar nett, hemm riskji li joħorġu mill-possibbiltà li l-ambjent ekonomiku globali u Ewropew jiddgħajjef, u li l-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija u tal-ikel jiżdiedu.

*2.2.2. Il-metodu/i tal-kontroll previst(i)*

L-assistenza makrofinanzjarja se tkun suġġetta għal proċeduri ta' verifika, ta' kontroll u ta' awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inklużi l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF), u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

*2.2.3. Spejjeż u benefiċċji tal-kontrolli u r-rata probabbli ta' nuqqas ta' komformità*

L-ispejjeż bażiċi għall-Kummissjoni relatati mal-metodi ta' verifika u ta' kontroll, kif ukoll l-ispiża tal-Valutazzjoni Operattiva taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi mwettqa qabel l-operazzjoni huma deskritti fit-Tabella 3.2.1. Barra minn hekk, hemm spejjeż għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri u għall-possibbiltà ta' interventi mill-OLAF. Il-Valutazzjoni Operattiva ma tgħinx biss sabiex jiġu vvalutati r-riskji tal-użu ħażin tal-fondi, iżda bħala benefiċċju kollaterali din tipprovdi informazzjoni utli dwar ir-riformi meħtieġa fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, li huma riflessi fil-kundizzjonalità tal-politika tal-operazzjoni. Dwar ir-rata li probabbilment mhix konformi, ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità (fil-forma ta' nuqqas ta' ħlas lura tas-self jew l-użu ħażin tal-fondi) huwa meqjus bħala baxx, abbażi tal-esperjenza bl-istrument tal-AMF sa minn meta nħoloq.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Sabiex jittaffew ir-riskji tal-użu qarrieqi se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett, il-bażi ġuridika proposta għall-assistenza makrofinanzjarja lit-Tuneżija tinkludi dispożizzjoni dwar il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi. Dawn il-miżuri se jiġu elaborati aktar f'Memorandum ta' Qbil u fil-Ftehim ta' Self, li jipprevedu sensiela ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. Hu maħsub ukoll li mal-assistenza jintrabtu għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bl-għan li jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

It-tieni, qabel ma jintlaħaq ftehim dwar il-Memorandum ta' Qbil, is-servizzi tal-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' esperti esterni maħtura kif xieraq, se jwettqu Valutazzjoni Operattiva taċ-ċirkwiti finanzjarji u tal-proċeduri amministrattivi li hemm fil-Ministeru tal-Finanzi u fil-Bank Ċentrali tat-Tuneżija, biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Dan ir-rieżami jiddetermina jekk il-qafas għal ġestjoni finanzjarja tajba tal-assistenza makrofinanzjarja huwiex effettiv b'mod suffiċjenti fit-Tuneżija billi jkopri oqsma bħall-istruttura u l-organizzazzjoni tal-ġestjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT, il-kapaċità tal-awditjar

intern u estern, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, mekkaniżmi speċifiċi li japplikaw għall-ġestjoni tal-fondi mill-benefiċjarji jistgħu jiġu introdotti bi ftehim mal-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, l-assistenza titħallas f'kont dedikat fil-Bank Ċentrali tat-Tuneżija.

Fl-aħħar nett, l-assistenza tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, ta' kontroll u ta' awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inklużi l-OLAF, u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

# 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja baġitarja/linji baġitarji tan-nefqa affettwata

- L-intestaturi baġitjarji eżistenti

01 03 02: Assistenza makrofinanzjarja

01 03 06 – Provviżjonament tal-Fond ta' Garanzija[15]

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitjarji.

| L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni……… ………...……….] | Diff./mhux diff. (16) | minn pajjiżi tal-EFTA[17] | minn pajjiżi kandidati[18] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 4 | 01 03 02<br>Assistenza makrofinanzjarja | Diff. | LE | LE | LE | LE |
| 4 | 01 03 06<br>Provviżjonament tal-Fond ta' Garanzija | Diff. | LE | LE | LE | LE |

01 03 06 – Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-UE miġbur għall-assistenza makrofinanzjarja lill-pajjiżi terzi: Il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni għandu jkun proviżjonat skont ir-Regolament tal-Fond, kif emendat. Skont dan ir-Regolament, l-għotjiet ta' self huma bbażati fuq l-ammont pendenti fi tmiem is-sena. L-ammont tal-provviżjonament jiġi kkalkulat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont fil-mira u l-assi netti tal-Fond fi tmiem is-sena "n-1". Dan l-ammont ta' provviżjonament jiddaħħal fis-sena "n" fil-baġit preliminari tas-sena "n+1" u jitħallas effettivament fi tranżazzjoni waħda fil-bidu tas-sena "n+1" "mill-provviżjonament tal-Fond ta' Garanzija" (il-linja baġitarja 01 03 06). Minħabba f'hekk, għall-kalkolu tal-provviżjonament tal-Fond, se jitqies 9 % (massimu ta'

15 Il-linja baġitarja 01 04 01 14 issir il-linja baġitarja 01 03 06 mill-baġit tal-2014 'il quddiem.
16 Diff.= Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
17 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
18 Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

EUR 22,5 miljun) tal-ammont effettivament imħallas fl-ammont fil-mira fi tmiem is-sena "n-1".

L-annotazzjoni baġitarja ("p.m.") li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-self se tiġi attivata biss f'każ ta' sejħa effettiva għall-garanzija. Mhuwiex mistenni li jkun hemm sejħa għall-garanzija baġitarja.

□□Linji baġitarji ġodda mitluba: mhux applikabbli.

### 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:** | **4** | [Intestatura: [L-UE bħala msieħba globali] |
|---|---|---|

| DĠ: <ECFIN> | | | Sena **2013**[19] | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | **Is-sena 2 017** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | |
| Linja baġitarja 01 03 06 Il-provviżjonament ta' Fond ta' Garanzija | Impenji | (1a) | | | | 15,3 | **7,2** | **22,5** |
| | Pagamenti | (2 a) | | | | 15,3 | **7,2** | **22,5** |
| L-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[20] (valutazzjoni operattiva u evalwazzjoni *ex post*) | | | | | | | | |
| Linja baġitarja 01 03 02 | Impenji | (3) | 0,05 | | | **0,15** | | **0,20** |
| | Pagamenti | (3a) | | **0,05** | | 0,05 | **0,10** | **0,20** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** għad-DĠ ECFIN | Impenji | =1+1a +3 | 0,05 | | | 15,45 | **7,2** | **22,7** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | | 0,05 | | 15,35 | **7,3** | **22,7** |

19 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

20 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (*ex* linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | 0,05 | | | 15,45 | 7,2 | **22,7** |
| | Pagamenti | (5) | | 0,05 | | 15,35 | 7,3 | **22,7** |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 0,05 | | | 15,45 | 7,2 | **22,7** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | 0,05 | | 15,35 | 7,3 | **22,7** |

**Jekk aktar minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta/inizjattiva:**

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:** | **5** | | "Nefqa amministrattiva" | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sena **2013** | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | **TOTAL** |
| DĠ: <…….> | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0,030 | 0,028 | 0,021 | 0,010 | 0,016 | **0,105** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,015 | 0,015 | **0,010** | | | **0,040** |
| **TOTAL tad-DĠ** ECFIN | Approprjazzjonijiet | 0,045 | 0,043 | 0,031 | 0,010 | 0,016 | **0,145** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0,045 | 0,043 | 0,031 | 0,010 | 0,016 | **0,145** |

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **2013**[21] | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,095 | 0,043 | 0,031 | 15,46 | **7,216** | **22,845** |
| | Pagamenti | 0,045 | 0,093 | 0,031 | 15,36 | **7,316** | **22,845** |

21 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi.

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

**Indika l-objettivi u r-riżultati**

⇩

GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[22]

| | | Is-sena 2013 | | Is-sena 2014 | | Is-sena 2015 | | Is-sena 2016 | | Is-sena 2017 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru totali | Spiża Totali |
| - Output 1 | Valutazzjoni operattivi | 1 | 0,05 | | | | | | | | | 1 | 0,05 |
| - Output 2 | Evalwazzjoni *ex post* | | | | | | | 1 | 0,15 | | | 1 | 0,15 |
| - Output 3 | Provviżjonament tal-Fond ta' Garanzija | | | | | | | 1 | 15,3 | 1 | 7,2 | 2 | 22,5 |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | 1 | 0,05 | | | | | 2 | 15,45 | 1 | 7,2 | 4 | 22,7 |
| **SPIŻA TOTALI** | | 1 | 0,05 | | | | | 2 | 15,45 | 1 | 7,2 | 4 | 22,7 |

22 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Obbjettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

*3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- X Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2013**[23] | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Daħħal kemm-il sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,030 | 0,028 | 0,021 | 0,010 | 0,016 | | | | **0,105** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,015 | 0,015 | 0,010 | | | | | | **0,040** |
| **Subtotali tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,045 | 0,043 | 0,031 | 0,010 | 0,016 | | | | **0,145** |
| **Barra l-Intestatura 5[24] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 0,045 | 0,043 | 0,031 | 0,010 | 0,016 | | | | **0,145** |

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jintlaħqu mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew riallokati fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi taħt il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

23 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

24 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (*ex* linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' riżorsi umani:

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għal full time*

| | Sena **2013** | Sena **2014** | Is-sena 2015 | Is-sena 2016 | Is-sena 2017 | Daħħal kemm-il sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Postijiet ta' stabbiliment tal-persunal (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0,227 | 0,212 | 0,159 | 0,076 | 0,121 | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| • **Persunal estern (Ekwivalenti għal Full-Time: FTE)**[25] | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ss[26] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ss[26] - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (CA, SNE, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,227** | **0,212** | **0,159** | **0,076** | **0,121** | | | |

**XX** hija l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa jagħmel tajjeb għalihom il-persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-immaniġġar tal-azzjoni u/jew li ntbagħat jaħdem mad-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ allokoazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl ta’ restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Kap tal-Unità: Jissorveljaw u jamministraw l-operazzjoni, jaqblu fuq ir-rapporti ta' analiżi dwar il-Ftehim ta’ Self, imexxu missjonijiet u jevalwaw il-progress rigward il-konformità mal-kundizzjonalità.<br>Desk: It-tħejjija tal-Memorandum ta’ Qbil, il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet u mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-koordinazzjoni ma’ esperti esterni għall-valutazzjoni operattiva u għall-evalwazzjoni *ex post*, it-twettiq ta’ missjonijiet ta’ analiżi u t-tħejjija ta’ rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni, it-tħejjija ta’ proċeduri tal-Kummissjoni marbutin mal-ġestjoni tal-assistenza. |

25 CA= Aġent Kuntrattwali; LA = Aġent Lokali; SNE=Espert Nazzjonali Ssekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED= Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

26 Sublimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (l-*ex* linji "BA").

| | |
|---|---|
| Persunal estern | Mhux applikabbli |

*3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti*

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

**3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul**

X Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.